Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 3/16

**Joseph Bezzina (appellant)**

**vs**

**Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali (appellat)**

21 ta' Frar 2017

1. **Il-każ in kwistjoni jirrigwarda l-intitolar o meno ta' Joseph Bezzina għall-Pensjoni tal-Eta` (mhux kontributorja).**

2. B'avviż tal-15 ta' Jannar 2014, id-Direttur Ġenerali tas-Siġurta Soċjali għarraf lil Joseph Bezzina illi huwa ma kienx eliġibbli għall-Pensjoni tal-Eta` (mhux kontributorja) in vista tal-fatt li l-mezzi kapitali tiegħu kienu jeċċedu l-ammont ta' €14,000 stipulat mil-liġi;

3. Permezz ta' ittra datata 20 ta' Jannar 2014 Joseph Bezzina intavola appell quddiem l-Arbitru[1];

4. Fid-deċiżjoni tiegħu tal-31 ta' Diċembru 2015 , wara li l-Arbitru kkunsidra (i) l-valur tad-djun li kellu Bezzina, u (ii) l-valur tad-diversi proprjetajiet li kien ttrasferixxa bejn is-snin 2007 u 2012 irriżultalu li l-valur tal-proprjeta` li ttrasferixxa kienet fil-fatt ferm akbar mill-ammonti li kellu jagħti, u li tali differenza kienet teċċedi l-ammont ta' €14,000. Ikkummenta partikolarment fuq l-fatt illi proprjeta` minnhom, bil-valur ta' €100,000, saħansitra kien ittrasferiha permezz ta' donazzjoni u kkummenta li kienet diffiċli li wieħed jifhem kif persuna b'diffikultajiet finanzjarji tax-xorta li kellu Bezzina, tagħżel li

[1] L-Arbitru maħtur skont l-Att Dwar is-Sigurta` Soċjali (Kap 318)

tiddisponi minn tali proprjeta` permezz ta' donazzjoni. Għaldaqstant ċaħad tali appell u kkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali.

5. Joseph Bezzina ħass ruħu aggravat b' din id-deċiżjoni u għalhekk fit-8 ta' Frar 2016 intavola rikors tal-appell quddiem din il-qorti u permezz tiegħu talabha tħassar u tirrevoka tali deċiżjoni u konsegwentement tordna lid-Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali biex iħallsu il-pensjoni tal-eta`.

6. **<u>L-aggravju tal-appellant Joseph Bezzina:</u>**
L-aggravju ta' Joseph Bezzina bażikament jirrigwarda l-osservazzjoni tal-Arbitru meta qal li l-valur tal-proprjeta` li huwa ttrasferixxa bejn l-2007 u l-2012 kienet ikbar mill-valur tad-djun li kellu u li tali differenza kienet teċċedi l-€14,000.

- Dwar it-trasferimenti li saru fl-<u>2007</u> Bezzina jsostni li "*dawn ma huma trasferimenti xejn iżda huma diviżjoni ma' ħutu*";

- Dwar it-trasferimenti li saru fl-<u>2012</u> jispjega li dawn kienu jikkonsistu f' (i) ħanut li kellu f' Għawdex li biegħ għall-prezz ta' €140,000 u (i) garaxx formanti parti mid-dar tar-residenza tiegħu (valur ta' €100,000) li huwa ta' b'donazzjoni iżda żamm id-dritt ta' użufrutt fuqu;

  (i) Jgħid li r-rikavat tal-bejgħ mill-ħanut li kellu f' Għawdex intuża biex jiġu sodisfatti d-djun li kellu. Jargumenta li d-djun kienu jqarrbu sew is-somma ta' €140,000 li huwa rċieva minn tali bejgħ (jekk adirittura ma jaqbżuhomx) u jsostni li d-differenza kienet inqas mill-€14,000 li tippreskrivi l-liġi sabiex huwa jikkwalifika għall-pensjoni tal-eta` (mhux kontributorja);

  (ii) Fir-rigward tad-donazzjoni tal-garaxx li għamel lin-neputi tiegħu Clint Mercieca, jgħid li din kien għamilha bħala <u>kumpens għal serviġi mogħtija minnu, peress li wara li kien sofra attakk ta' qalb u</u>

problemi ta' saħħa, kien l-istess Clint Mercieca li beda jieħu ħsiebu u anke jorqod miegħu;

7. L-appellat id-Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali fl-1 ta' Marzu 2016 wieġeb biex jgħid għaliex dan l-appell għandu jiġi miċħud.

8. **Fatti li jirriżultaw mid-dokumenti esebiti:**

(i) Skont id-dokument li jindika l- "*Property Transfers*" ta' Joseph Bezzina hemm indikati *inter alia* s-segwenti trasferimenti ta' proprjeta`:

- fit-03.08.2007 **trasferiment ta' tlett proprjetajiet**: kull waħda bil-valur ta' €46,587/Lm20,000 u **trasferiment ta' proprjeta` waħda oħra** bil-valur ta' €233/Lm100;

- fl-24.07.2012 **trasferiment ta' żewġ proprjetajiet**: waħda konsistenti f' ħanut bl-isem ta' *"Bezzina Confectionary"* bil-valur ta' €140,000, u l-oħra konsistenti f' garaxx formanti parti mir-residenza tal-istess Bezzina, bil-valur ta' €100,000;

(ii) Fit-12.03.2007 ċertu Michaelangelo Grech u martu ppreżentaw **ittra uffiċjali** (Dok G) li permezz tagħha interpellaw solidalment lil Bezzina u lil ċertu Etienne Grech sabiex iħallsu s-somma ta' Lm10,598.94 rigwardanti danni li huma allegatament ikkaġunaw f''merkanzija u beni mobbli;

(iii) Bezzina daħal f' **diversi djun** matul is-snin. Huwa ppreżenta numru ta' dokumenti f' dan ir-rigward li din il-qorti ser telenka f' ordni kronoloġika:

- Dok D: Skrittura ta' dejn datata 25.05.2007 ma' Emanuel Custo fl-ammont ta' Lm15,000;
- Dok E: Skrittura ta' dejn datata 02.06.2007 ma' Joseph Bonnici fl-ammont ta' Lm10,000;

- Dok C: Skrittura ta' dejn datata 17.07.2007 ma' Mario Grech (Gelluxa Ltd) fl-ammont ta' Lm1,366.94. (Ġiet ippreżentata ukoll "*Monthy Repayment Schedule*" fir-rigward ta' tali dejn fejn jirriżulta li sa Jannar 2009 kien tħallas kollu);

- Kuntratt datat 06.09.2007 fl-atti tan-Nutar Josianne Mifsud, li pemezz tiegħu Bezzina kkostitwixxa ruħu debitur fil-konfront tal-Lombard Bank fis-somma ta' Lm14,475 (€33,718.45);

- Dok F: Skrittura ta' dejn datata 09.02.2009 ma' Joseph Dingli fl-ammont ta' €21,260;

- Dok A: Ittra uffiċjali datata 05.07.2011 li fiha l-Lombard Bank abbażi ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu li kien sar fl-atti tan-Nutar Josianne Mifsud fis-06.09.2007 (fl-ammont ta' €33,718.45), interpella lil Bezzina biex iħallas l-ammont ta' €41,163.98 (li jinkludi l-imgħaxijiet), oltre l-imgħaxijiet ulterjuri mit-18.06.2011;

- Dok B: Statement tal-Lombard Bank fir-rigward tal-kont bin-numru 01180640312 li juri li fl-Lulju 2012 Bezzina kien għamel żewġ pagamenti ta' €45,455.97 u €5,269.63 lill-bank, b'mod li l-bilanċ li kien għad fadallu jħallas lill-bank (inkluż l-imgħax) kien tħallas kollu;

(iv) Fl-24 ta' Novembru 2011 il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, ippronunzjat id-divorzju bejn Joseph Bezzina u martu Geltrude Bezzina;

(v) Fil-15 ta' Jannar 2013 huwa għamel "*coronary artery bypass surgery*".

## 9. Konsiderazzjoni:

Din il-qorti, wara li eżaminat il-provi kollha prodotti, wara li rat id-deċiżjoni tal-Arbitru u wara li qieset l-aggravji tal-appellant u r-risposta relattiva tal-appellat, tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet/ kunsiderazzjonijiet:

(i) Fir-rikors tal-appell tiegħu, Bezzina jargumenta li t-trasferimenti tal-proprjetajiet li saru fl-2007 "*ma huma trasferimenti xejn*" iżda huma att ta' diviżjoni bejnu u bejn ħutu. Dan l-att ta' diviżjoni imsemmi minnu

ma jidhirx li qatt ġie ppreżentat. Din il-qorti pero` tosserva li t-tlett proprjetajiet li fil-fatt ġew trasferiti fit-3 ta' Awwissu 2007 kull waħda bil-valur ta' Lm20,000/€46,587, jidhru indikati bħala donazzjonijiet.[2] Għalhekk ma jidhirx li biegħ dawn il-proprjetajiet u għamel xi qliegħ. Wieħed irid jiftakar ukoll li dawn it-trasferimenti saru snin qabel l-appellant ma applika għall-pensjoni tal-eta'. Għalhekk f'kull każ ma tarax li dawk it-trasferimenti kellhom jittieħdu in konsiderazzjoni meta d-Direttur ġie biex jiddetermina kienx hemm ir-rekwiżiti kontemplati fl-artikolu 66 tal-Kap. 318. M'hemm l-ebda indikazzjoni li dak li għamel l-appellant fl-2007 kien manuvrar min-naħa tiegħu *"…. sabiex ikollha jedd ghal Pensjoni tal-Eta'….."* (ara paragrafu 3 tar-Raba' Taqsima tat-Tieni Skeda).

(ii) L-istess Bezzina jispjega li hu kien ibbenefika mid-diviżjoni tal-proprjeta` li saret bejnu u ħutu, *"billi akkwista l-fond ta' Triq Putirjal li imbagħad inbiegħ in sodisfazzjon tad-djun li kellu"*. Jidher allura li hawnhekk qed jirreferi proprju għall-ħanut (*confectionary*) li hija indikata bħala Bezzina Confectionary Triq Taħt Putirjal K/A Main Gate Street, Rabat, liema ħanut kien imbagħad biegħu fl-2012.

(iii) Il-prezz tal-ħanut (*confectionary*) li nbiegħ fl-24.07.2012 kien ta' €140,000. Skont ma spjega fis-sottomissjonijiet li għamel fil-proċeduri quddiem l-arbitru, id-djun li jirriżultaw mid-dokumenti Dok C sa Dok F tħallsu mir-rikavat ta' dan il-bejgħ tal-ħanut. Huwa fl-istess nota qal ukoll illi jekk wieħed jifli sew il-kuntratt tal-bejgħ jara li parti sostanzjali minnu marret għand il-Lombard Bank u parti oħra kienet ġiet paċuta ma' debiti espressament imsemmija fil-kuntratt li n-neputi tiegħu Clint Mercieca kien ħallas. Pero` hawnhekk ukoll, il-kuntratt ta' bejgħ ma jidhirx li ġie ppreżentat;

[2] Għalkemm fil-fotokopja tad-dokument tal-"Property Transfers" ta' Bezzina tħalliew barra parti mill-kliem fil-kolonna tax-xellug taħt it-titlu "type", jidher li dawn it-tlett trasferimenti ġew indikati bħala "donation". Fil-fatt ma ħallasx taxxa fuq il-qliegh (ara l-aħħar kolonna tad-dokument).

(iv) Fir-rigward tal-ittra uffiċjali fejn Bezzina flimkien ma' ċertu Grech ġew interpellati jħallsu solidalment l-ammont ta' Lm10,598.94, ma tressqet l-ebda informazzjoni oħra: la jirriżulta jekk Bezzina u/jew Grech ħallsux l-ammont u lanqas jekk infetħitx xi kawża kontrihom u f' tali każ jekk ġewx ikkundannati jħallsu. Għaldaqstant din il-qorti mhux ser tagħti piż lil dan id-dokument;

(v) Meta jitqiesu d-djun indikati f' Dok C sa Dok F (fl-ammont totali ta' €82,700) u l-ammont ta' €50,725 li ħallas lill-Lombard bank f' Lulju 2012 biex qata' d-dejn li kellu miegħu) jiġi li dawn fil-fatt joqorbu ferm lejn l-ammont ta' €140,000. Fil-fatt jiġi li hemm diskrepanza ta' inqas minn €7,000. Wieħed irid jiftakar ukoll li fil-każ tgal-bejgħ ta' Bezzina Confectionery li sar fl-24 ta' Lulju 2012, mill-prezz għandha titnaqqas is-somma ta' €7,709 li l-qorti fehmet li l-appellant kellu jħallas bħala taxxa fuq il-qliegh kapitali.

(vi) Tqum issa l-kwistjoni dwar il-garaxx bil-valur ta' €100,000 li l-appellant ta b'donazzjoni lin-neputi tiegħu Clive Mercieca, u cioe` jekk dan għandux jittieħed in konsiderazzjoni meta wieħed jiġi biex jikkalkula l-mezzi kapitali tiegħu għall-finijiet tal-Kap 318.

(vii) Kif jispjega ben tajjeb appellat fit-twegiba għall-appell, l-Artikolu 66 tal-Kap 318 jipprovdi li biex persuna tikkwalifika għall-pensjoni tal-eta` (mhux kontributorja), trid turi **(a) li għandha l-eta` ta' sittin sena (b) li hi ċittadin ta' Malta u tirrisjedi f'Malta, u (ċ) li l-mezzi tagħha kalkolati skont ir-Raba' Taqsima tat-Tieni Skeda ma jeċċedux l-€14,000 f' każ ta' persuna waħedha (bħal ma huwa l-appellant, li huwa divorzjat)**.

(viii) Jiġi osservat illi l-Artikolu 1 tat-Taqsima IV tat-Tieni Skeda jistipula hekk:

*"Sabiex jinħadmu x' inhuma l-mezzi għall-finijiet tal-Artikoli 66 u 68, għandhom jitqiesu kull proprjeta` inkluża kull proprjeta` mqiegħda fi trust* ***(minbarra d-dar tar-residenza)*** *dħul jew privileġġ skont kif imsemmi fil-paragrafu 1 tat-Taqsima I ta' din l-Iskeda; u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3 ta' din it-Taqsima, meta l-limiti indikati fl-imsemmi proviso li hemm mal-paragrafu 1(a) tat-Taqsima I ta' din l-Iskeda jinqabżu, il-persuna li tkun qed titlob li tingħata Pensjoni tal-Eta` jew Pensjoni tal-Wens skont il-każ, għandha titqies li ma tkunx intitolata għal dik il-pensjoni:*

*Iżda fil-kalkolu tal-mezzi skont dan il-paragrafu, minflok il-limiti stipulati fil-proviso li hemm mal-paragrafu 1(a) tat-Taqsima I ta' din l-Iskeda, għandhom minflok jitqiesu fil-kalkolu tal-mezzi €14,000 fil-każ ta' persuna waħedha jew ta' armel jew armla jew €23,300 fil-każ ta' persuna miżżewġa."*

(ix) Fid-dokument li jindika l-"*Property Transfers*" ta' Bezzina u li ppreżenta l-appellat stess, il-garaxx li l-appellant ittrasferixxa lin-neputi tiegħu huwa deskritt bħala "***Garage without airspace, formanti parti mid-dar "Bezzina".*** Din id-dar hija fil-fatt ir-residenza tal-appellant[3]. Għaldaqstant, anke li kieku Bezzina ma ttrasferixxiex tali garaxx lin-neputi tiegħu, dan ma kienx ser jitqies u jiġi valutat bħala proprjeta` għall-finijiet tal-kalkolazzjoni tal-mezzi tiegħu, u għalhekk ma jistax l-appellat jargumenta illi Bezzina ċaħħad lilu nnifsu minn tali proprjeta` sabiex ikollu jedd għall-Pensjoni tal-Eta`. Għalhekk hu għal kollox inkorrett l-argument tal-appellat li bid-donazzjoni tal-garaxx l-appellant caħħad lilu nnifsu minn proprjeta *"16…… sabiex ikollu jedd ghall-Pensjoni tal-Eta"*. Kieku l-appellant m'għamel ebda trasferiment ta' dan il-fond u baqa' proprjeta tiegħu fi żmien li applika għall-pensjoni tal-eta', xorta kien ikun intitolat għall-eta tal-pensjoni ġialadarba l-garaxx kien parti mid-dar tar-residenza tieghu.

(x) Fit-tweġiba tal-appellat saret riferenza ghall-artikolu 97(1)(b) u qal li meta l-appellant applika għall-pensjoni kien naqas milli jagħti t-tagħrif kollu. Kompla, *"Huwa ribadit li bejn id-Direttur u l-beneficcjarju jinħoloq*

[3] Fir-rikors tal-appell stess l-indirizz tal-"appellant" huwa indikat bħala "Bezzina House" Triq Borg Geritu, Victoria, Għawdex. L-istess jirriżulta mill-avviż li bagħtlu l-appellat tal-15 ta' Jannar 2014 li bih infurmah li l-applikazzjoni għall pensjoni tal-eta' ġiet miċħuda għaliex, *"…. il-valur kapitali tal-proprjeta tal-membri kollha tal-familja tiegħek hu aktar minn €14,000 (erbatax-il elf ewro)"*, kif ukoll ittra legali tal-20 ta' Jannar 2014,

*dan ir-rapport ta' fiduċja fejn fl-applikazzjoni ġie kkonfermat taħt ġurament li l-informazzjoni mogħtija hija korretta kif ukoll li d-dipartiment ser jiġi avżat b'kull bidla fiċ-ċirkostanzi tal-ħajja".* Żied li l-appellant qatt ma ta t-tagħrif li l-appellat sar jaf biha mir-riċerka li għamel. Għalhekk skont il-liġi l-appellat kellu jiċħad it-talba tal-appellant. Dan hu argument ġdid li qatt ma ssemma fil-proċeduri quddiem l-Arbitru, u ma kienx ir-raġuni għalfejn l-appellat caħad l-applikazzjoni tal-appellant. Il-qorti kemm-il darba kellha l-opportunita' li fi stadju ta' appell m'huwiex permess li l-appellant jagħti raġunijiet ġodda għad-deċiżjoni li jkun ħa u li tkun ġiet appellata quddiem l-Arbitru. Il-proċess li jsir quddiem l-Arbitru hu stħarriġ tad-deċiżjoni li jkun ħa l-appellat, kif spjegata fl-avviż li jibgħat lill-persuna kkonċernata. F'dak l-avviż jkun hemm ir-raġuni għad-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali, u hu dak li jrid jiġi mistħarreg fil-proċeduri li jsir wara. L-appell quddiem din il-qorti għandu jitratta dak li ġie deċiż mill-Arbitru u mhux raġunijiet ġodda għalfejn id-Direttur Ġenerali jkun ħa d-deċiżjoni mpunjata.

**Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell tal-appellant, tħassar id-deċiżjoni tal-Arbitru tal-31 ta' Diċembru 2015 u tħassar ukoll id-deċizjoni tad-Direttur tas-Sigurta Soċjali li l-appellant m'huwiex intitolat għall-ħlas tal-pensjoni tal-eta' minħabba li l-valur kapitali tal-proprjeta hu aktar minn €14,000. Spejjeż a karigu tal-appellat.**

Anthony Ellul.